**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 377/2018**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Stephen Borg**

Illum, 1 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Stephen Borg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 155778M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'xi ħin fil-lejl ta' bejn 08 ta' Ġunju 2018 u id-09 ta' Ġunju 2018 minn ġewwa Triq Dun Ġużepp Gonzi u/jew f'dawn il-gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' van tal-għamla Mazda, bin-numru tar-reġistrazzjoni LDA621 għad-detriment ta' Gaetano Farrugia ID: 555577M minn Ħal-Tarxien u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravata bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan bi ksur tal-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 265,270,271(g),278(3), 279(a), 280(2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi ikkommetta serq ta' għodod u/jew oġġetti oħra u ċioe' diversi għodod għad-detriment ta' Gaetano Farrugia ID: 555577M minn Ħal-Tarxien u/jew persuni oħra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan bi ksur tal-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 265, 270, 271(g), 278(3), 279(b), 280(2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, ċioe' ħsara fuq il-vettura tal-għamla Mazda, bin-numru tar-reġistrazzjoni LDA621 liema ħsara tammonta għal mhux aktar minn elfejn u ħames mitt Ewro (€2500) iżda hija iktar minn mitejn u ħamsin Ewro (€250) għad-detriment ta' Gaetano Farrugia ID:555577M minn Ħal-Tarxien u/jew persuni oħra bi ksur tal-Artikoli 325(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. U aktar fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bi ħsara tas-sid, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-propjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta'qabel ta' dan l-artikolu u lanqas banda oħra f'dan il-kodiċi għad-detriment ta' Gaetano Farrugia ID:555577M minn Ħal-Tarxien u/jew persuni oħra bi ksur talArtikolu 325(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta'Malta;
5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi laqgħa għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'serq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
6. U aktar talli naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat, Dr. J .Demicoli LL.D.) b'digriet datat 25 ta' Settembru, 2014 u li permezz tagħhom hu ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet.
7. Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena applikabbli għar-reati msemmija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 25 ta' Settembru, 2014 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' Stephen Borġ kif ukoll, li tordna li l-ammonti kolla kemm depożitati u kemm f'garanzija personali, li ġiet imposta fuqu sabiex jagħmel tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, jgħaddu favur il-Gvern ta'Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta;
8. U aktar talli naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat, Dr. C. Peralta LL.D.) b'digriet datat 22 ta' Lulju 2015 u li permezz tagħhom hu ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet.
9. Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena applikabbli għar-reati msemmija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 22 ta' Lulju 2015 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' Stephen Borg kif ukoll, li tordna li l-ammonti kolla kemm depożitati u kemm f'garanzija personali, li ġiet imposta fuqu sabiex jagħmel tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikoli 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
10. U aktar talli naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat, Dr. A. Micallef Trigona LL.D.) b'digriet datat 28 ta' Mejju 2013 u li permezz tagħhom hu ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;

11. Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta'ħtija, flimkien mal-piena applikabbli għar-reati msemmija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 28 ta' Mejju 2013 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' Stephen Borġ kif ukoll, li tordna li l-ammonti kolla kemm depożitati u kemm f'garanzija personali, li ġiet imposta fuqu sabiex jagħmel tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, jgħaddu favur il-Gvern ta'Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta;
12. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-provedimenti ta'sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta'Ġudikatura Kriminali fl-04 ta'Marzu 2015 ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, liema sentenza għadha fiż-żmien operattiv;
13. U b'hekk irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
14. Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta'ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jekk ikun każ ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Awwissu 2022, fejn il-Qorti, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames imputazzjoni, illiberat lill-imputat minn kull ħtija w piena għall-imputazzjonijiet numru tlieta u numru tnax, u wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(b), 280(1), 281 u 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-kumplament fejn dwar l-addebitu tar-reċidiva instabet ħtija biss limitatament taħt l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, u ikkundanatu għall-piena ta' tlett snin u tmien xhur priġunerija. In oltre, il-Qorti ordnat lill-imputat iħallas €1,026.95c rappreżentanti spejjez peritali.

Rat ir-rikors tal-appellant, Stephen Borg, ippreżentat fit-22 ta' Awwissu 2022, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-Ewwel Qorti astjeniet u sabitu mhux ħati u ċioe tal-ħames u t-tielet u t-tnax l-imputazzjoni, filwaqt li tħassar is-sentenza datata 26 t'April 2022 prevja talba għall-istess għan ai termini tal-Kap. 537, kif ukoll tħassarha u tirrevokaha in rigward fejn sabitu ħati u ċioe' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha u kwindi tilliberah minn kull ħtija u piena, u mingħajr preġudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma l-piena nflitta u tinfliġġi piena anqas ħarxa u aktar idonea u li tirrispekja l-kaz in ezami.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju vventilat minnu, l-appellant jikkritika d-digriet mogħti mill-Ewwel Qorti nhar is-26 t'April 2022, fejn l-istess Qorti ċaħdet it-talba tiegħu sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, u dana għar-raġuni illi huma esklużi mill-applikabbilita' ta'l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta dawk il-persuni mixlija bil-kummissjoni ta' reati li l-piena tagħhom tkun teċċedi s-seba' snin priġunerija, u dan meta r-reati ma jkunux konnessi ma' reati dwar id-droga. L-appellant jilmenta li dan il-provvediment huwa diskriminatorju u qed jitlob lil dina l-Qorti tħassar id-digriet surreferit mogħti mill-Ewwel Qorti.

Illi fid-digriet datat 26 t'April 2022, l-Ewwel Qorti, i*nter alia*, irriteniet:-

> **...**
>
> **Għalhekk, filwaqt li l-piena għas-serq ikkwalifikat bil-mezz biss hi dik ta' priġunerija ta' bejn ħames xhur sa tliet snin (Artiklu 278(1)), il-piena għall-serq ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi €2,329.37 hi dik ta' priġunerija għal zmien minn tlettax -il xahar sa' seba' snin (Artikolu 279b)).**
>
> **Għaldaqstant japplika l-proviso għall-artikolu 280(2) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li l-piena ravvizata bl-artikolu 279(b) mizjuda bi grad fejn il-piena issa erogabbli hi dik ta' priġunerija ta' bejn it-tmintax -il xahar u disa' snin.**
>
> **In vista tas-suespost u a tenur tal-Artikolu 8(1) tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti hi prekluza milli tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-imsemmi Artikolu 8 tal-Att.**

Illi l-appellant qed jilmenta li l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta huwa diskriminatorju u jistrieħ fuq is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet "Rueben Micallef vs Avukat ta' l-Istat" fejn ġie ritenut li dan l-artikoli tal-liġi huwa leżiv tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkużata. Illi l-Qorti tirrileva, iżda, illi dan il-pronunzjament ġudizzjarju kien soġġett għal reviżjoni

quddiem il-Qorti Kostituzzjonali li b'sentenza datata t-12 ta' Lulju 2023, l-imsemmija deċiżjoni tal-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) kienet revokata sabiex b'hekk l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta kien dikjarat li ma huwiex leżiv tad-drittijiet tal-akkużat u dan meta jillimita l-applikabbilita' tiegħu għal dawk ir-reati li ma jeċċedux il-piena tal-priġunerija għal żmien seba' snin.

Illi stabbilit kwindi illi l-applikazzjoni ta'l-artikolu 8 tal-Kpaitolu 537 huwa limitat għal dawk ir-reati fejn il-piena tagħhom ma teċċediex is-seba' snin priġunerija huwa evidenti illi l-appellant ma għandux raġun fl-ilment tiegħu, u d-digriet tal-Ewwel Qorti huwa ġust u jimmerita konferma, u dan ukoll fid-dawl tal-pronunzjament kostituzzjonali fir-rigward.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-aggravji rimanenti tal-appellant jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, u għalhekk dina l-Qorti ser tikkunsidrahom flimkien. L-appellant jilmenta *in primis* li mir-rapport redatt minn Dr Mario Buttigieg datat 13 ta' Mejju 2019, jirrizulta li l-valur tar-*res furtiva* kien ferm inqas minn dak iddikjarat lill-Pulizija mill-parte ċivile Gaetano Farrugia. *Inoltre*, huwa jisħaq ukoll li l-verzjoni tal-fatti minnu mogħtija kienet waħda kredibbli u li kellha titwemmen. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluz id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, sabiex tqis jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi mill-provi akkwiżiti jemerġi illi nhar id-9 ta' Ġunju 2018, l-Pulizija Ezekuttiva rċeviet rapport mingħand ċertu Gaetano Farrugia li l-vann tiegħu tal-għamla Mazda bin-numru ta' reġistrazzjoni LDA-621, li kellu ġo fih diversi għodda tax-xogħol, kien safa' misruq. Aktar tard f'dik l-istess ġurnata, l-imsemmi vann kien osservat ġewwa ż-Żejtun, fejn fih kien hemm persuna tas-sess maskili, li wara ġie identifikat bħala l-appellant Stephen Borg. Dan kien fil-kumpanija ta' persuna tas-sess femminili, li wara rriżulta li kienet is-sieħba tiegħu, ċertu Antonella Vella, u kien jidher qed iħott xi għodda minn ġewwa l-istess vann. Kif l-appellant osserva lill-Pulizija jippedinawh ipprova jitlaq minn fuq il-post, iżda kien imwaqqaf mill-istess Pulizija fejn minn tfittxija li saret minnhom ġewwa l-kamra tal-appellant, li tagħha kellu ċ-ċwievet mqabbdin maċ-ċwievet tal-vann *de quo*, ġew misjuba u sussegwentement elevati diversi għodda, li kienu l-istess għodda allegatament misruqa.

Illi, nhar is-17 ta' Ġunju 2018, l-appellant, wara li rrifjuta li jkun assistit minn avukat tal-għazla tiegħu kemm qabel u kemm waqt l-interrogatorju, rrilaxxja stqarrija fejn ammetta li dakinhar tal-inċident *de quo*, huwa kien fil-kumpanija tas-sieħba tiegħu ċertu Antonella Vella u igħid hekk:–

> **"Konna sejrin Ħal Qormi, intqajna ma' bniedem u kien ħa jwassalna għand it-tabib biex jeħodna l-Mistura, għaddejna z-Zejtun nieħdu d-droga u sa hemm niftakar jiena. Naf li mar jixtri u ħalla kollox hemm voldieri[2]."**

L-appellant ma jiżvelax, iżda, l-identita' ta' dan ir-raġel, għalkemm iktar 'il quddiem fl-istess stqarrija, jbiddel il-verzjoni u jisħaq li din it-terza persuna u Antonella Vella, kienu għaddew għalih id-dar. Fl-aħħarnett, jgħid li ma jiftakar xejn u li kien "**sick mejjet**" u ma kellux mistura.

Illi, l-appellant jibda' billi jilmenta li l-valur tal-għodda allegatament misruqa minnu kien ferm inqas minn dak rrapportat mill-parte ċivile Gaetano Farrugia. Issa huwa minnu li Farrugia jisħaq illi l-għodda misruqa mill-vann tiegħu kellha valur ta' bejn €20,000 u €25,000. Huwa minnu ukoll li l-espert tal-Qorti PL Mario Buttigieg, qiegħed il-valur ta' €7,795 fuq l-istess għodda. Jispjega li wasal għal dan l-ammont stante li

[2] Fol. 17A tal-atti

Farrugia, ma indikalux l-għamla tal-għodda in kwistjoni, kif ukoll peress li kien ħa in konsiderazzjoni anke l-*wear and tear* ta' l-istess għodda. Abbinat ma' dan imbagħad l-espert jistma il-valur tal-vann misruq fl-ammont ta' €1700. Illi allura għalkemm il-valuri ndikati mill-espert tal-Qorti huma sostanzjalment inqas minn dawk indikati mill-parte ċivile, madanakollu l-aggravju dwar il-valur għar-reat tas-serq xortawaħda jirriżulta ippruvat u għalhekk l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment, bil-provi li kien hemm fl-atti, issib ħtija għal dan l-aggravanti fit-termini ta'l-artikolu 279(b) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi, ukoll, l-appellant jisħaq li l-verzjoni tal-fatti minnu mogħtija għandha mis-sewwa. Illi l-appellant jagħti l-ewwel verżjoni tiegħu fl-istqarrija minnu rilaxxata lill-investigaturi, fejn fl-istess stqarrija huwa jbiddel il-verzjoni tiegħu darbtejn – għall-ewwel jgħid li huwa u s-sieħba tiegħu kienu rikbu fil-vann ma' terza persuna, li ma xtaqx isemmi minn hi, iżda ftit wara jistħaq illi kienu din it-terza persuna flimkien ma' Antonella Vella li marru għalih id-dar u rikkbuh magħhom fil-vann. Meta jixhed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti pero', jerġa' jbiddel il-verzjoni għal darb'oħra, fejn igħid li din it-terza persuna ma jafx minn kienet imma kienet intbagħtet għandu minn ċertu Renald Baldacchino, li kien jipprovdilu d-droga. Illi apparti dawn il-verżjonijiet tal-fatti kemmxejn konfliġġenti, l-appellant imbagħad ma jagħtix spjegazzjoni plawibbli kif iċ-ċavetta tal-vann, li kien għadu kemm ġie misruq, instabet fl-istess mazz ta' ċwievet li fih kien hemm ukoll iċ-ċwievet personali tiegħu, inkluz iċ-ċwievet tal-kamra li fiha nstabet l-għodda misruqa. Kif lanqas jagħti spjegazzjoni għal fatt illi huwa inqabad *in flagrante* mill-Pulizija jħott l-għodda mill-vann għal ġewwa l-kamra tiegħu jew kif u 'il għala meta lemaħ lill-istess Pulizija huwa pprova jaħrab minn fuq il-post. Jipprova jeżimi ruħu minn kull responsabbilta' meta jikkontendi illi dak in-nhar kien ikkonsma ammont sostanzjali ta' droga u allura ma kienx f'sensieh, liema fatt huwa kontradett mix-xiehda tal-pulizija li jgħidu li raw lill-appellant fuq saqajh iħott l-għodda misruqa u anke li pprova jaħrab minn fuq il-post, kif ingħad. Għaldaqstant, dina l-Qorti hija moralment konvinta li l-verzjoni tal-fatti tal-appellant m'għandiex mis-sewwa u sejra għalhekk tistrieħ fuq il-provi l-oħra mressqa, inkluż it-testimonjanza tal-Pulizija investigattiva li qabdu lill-appellant *in flagrante delicto*.

Għaldaqstant, dina l-Qorti hija tal-fehma li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet waħda *safe and satisfactory* u ma teżisti l-ebda raġuni għaliex l-istess għandha tiġi b'xi mod varjata jew revokata.

Illi, in vista ta' dan kollu, it-tieni u t-tielet aggravji tal-appellant qed jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-gravam rimanenti mressaq mill-appellant fit-talba aħħarija tiegħu, tikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe' dik ta' priġunerija effettiva ta' tlett snin u tmien xhur. L-appellant jisħaq li tali piena hija eċċessiva.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm 'il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".[3]

Illi l-appellant kien misjub ħati b'mod ewlieni tar-reat tas-serq aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa. Illi l-piena ikkontemplata għal dan ir-reat kif aggravat hija dik tal-priġunerija bejn it-tmintax -il xahar u disa' snin, sabiex b'hekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tlett snin u tmien xhur tqarreb piuttost iktar lejn il-minimu erogabbli tenut kont li l-appellant kien mijsub ħati ukoll li kiser diversi digrieti tal-ħelsien mill-arrest, oltre li l-fedina penali tiegħu hija tali li tirrifletti il-karattru refrattarju tiegħu. Illi fuq kollox l-appellant ma jressaq ebda mottiv fl-appell minnu ntentat li jista' jwassal lil din il-Qorti titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti u l-konsiderazzjonijiet dettaljati minnha magħmula meta ġiet biex tikkalibra l-piena.

Għalhekk anke dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

[3] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell  u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**